€

# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Ċitazzjoni Nru.: 2325/2000 MH**

**Illum 12 ta' Lulju, 2021**

**Joseph Camilleri u s-soċjeta' Kiss Live FM Limited, għal kull interess illi jista' jkollha**

**vs**

**Joseph Grima (K.I. 159736M) u Grima Communications Limited u b'digriet tas-16 ta' Ġunju 2017 l-atti ġew trasfużi f'isem Dr Lynn Zahra (K.I. 258959M) u bintha Chase Zammit**

**Il-Qorti:**

Rat **iċ-ċitazzjoni tal-attur tat-23 ta' Ottubru 2000** permezz ta' liema ġie premess-

*Billi fil-bidu tas-sena 1995, il-kontendenti kienu ftehmu illi l-attur Joseph Camilleri kien sejjer jakkwista l-ihsma tas-socjeta' konvenuta*

*illi allura kellha it-tmexxija u il-gestjoni ta' l-stazzjon tar-radju operat mis-socjeta konvenuta taht l-isem Live FM versu l-prezz u taht il-kondizzjonijiet stipulati bejniethom.*

*Billi sabiex jaghtu sehh ghal dak illi kienu ftehmu, il-kontendenti kienu iffirmaw zewg skritturi illi gew minnhom desinjati bhala "agreement" u "side letter" illi huma hawn annessi u immarkati rispettivament JC1 u JC2.*

*Billi fl-ewwel skrittura, cioe Dokument JC1, il-konvenuti kienu qablu illi jghaddu ossija jittrasferixxu l-assi u d-djun tas-socjeta' konvenuta lill-atturi taht il-kondizzjonijiet u in konsiderazzjoni tal-hlas tal-korrispettiv imsemmija fl-istess skrittura, filwaqt illi permezz tat-tieni skrittura, cioe' Dokument JC2, "sar" it-trasferiment tal-ihsma tal-imsemmija socjeta' konvenuta taht il-kondizzjonijiet u in konsiderazzjoni tal-hlas tal-korrispettiv imsemmija fl-istess skrittura.*

*Billi, kif jirrizulta mill-imsemmija side letter (Dokument JC2), it-trasferiment tal-ihsma fl-imsemmija socjeta konvenuta kellu jigi perfezzjonat hekk kif l-istipulazzjonijiet tal-iskrittura l-ohra (cioe' dawk tal-agreement) jigu ezegwiti.*

*Billi in konsiderazzjoni ta' tali trasferiment l-atturi accettaw li jhallsu lill-konvenuti jew minn minnhom is-segwenti pagamenti u cioe' a) is-somma ta' hames mitt Lira (Lm500) fix-xahar lill-konvenut ghall-periodu tal-ftehim bhala l-korrispettiv tal-konsulenza tieghu; b) is-somma ta' erba' u hamsin elf Lira Maltin (Lm54000) stipulat bhala l-korrispettiv tat-trasferiment tal-ihsma u pagabbli fi skadenzi ta' seba; mija u hamsin Lira (Lm750) fix-xahar; c) is-somma ta' hmistax-il elf Lira Maltin (Lm15000) stipulata bhala kreditu tal-konvenut propio kontra s-socjeta' konvenuta u pagabbli mill-istess socjeta', akkwistata allura mill-atturi, permezz ta' pagamenti mensili ta' sitt mija u hamsa u ghoxrin Lira Maltin (Lm625); d) is-somma ta' tmintax-il elf lira (Lm18000) ukoll stipulata bhala kreditu tal-konvenut propio kontra s-socjeta' konvenuta u pagabbli mill-istess socjeta', akkwistata allura mill-atturi, pagabbli permezz ta' pagamenti mensili ta' mitejn u hamsin Lira Maltin (Lm250). Ghalhekk l-ammonti stipulati mill-partijiet bhala pagabbli mill-attur lill-konvenuti jew min minnhom kien ta' mija u tlieta u ghoxrin elf lira Maltin (LM123000).*

*Billi, kif ukoll jirrizulta mill-annessi skritturi, l-imsemmija ammonti gew inkorporati f' kambjali accettati mill-attur Joseph Camilleri favur il-konvenuti jew min minnhom u konsenjati mill-istess attur lill-konvenuti jew min minnhom.*

*Billi kif jirrizulta mill-imsemmija skritturi, il-kontendenti kienu qablu illi l-ewwel skrittura (cioe' dak imsejjah l-agreement) kien intiz illi jkollu terminu ta' sitt snin dekorribbli mit-2 ta' Frar 1995 sat-3 ta' Frar 2001, filwaqt illi t-trasferiment ta' ihsma miftiehem fit-tieni skrittura (dak imsejjah side letter) kien intiz illi jigi formalment ezegwit meta l-obbligi gravanti lill-istess attur skond l-ewwel skrittura kienu gew minnu debitament ezegwiti.*

*Billi pero l-ftehim ma kellux il-permanenza originarjament intiza mill-partijiet billi l-istess partijiet kontendenti, minhabba diversi ragunijiet, qablu illi jitterminaw il-ftehim taghhom b'effett mil-31 ta' Marzu 1996 (DOK JC3).*

*Billi, b' effett tal-ftehim tat-2 ta' April 1996, il-konvenuti regghu dahlu fil-pussess u kontroll shih tal-imsemmi stazzjoni tar-radju, filwaqt illi l-atturi formalment irrilaxxjaw tali kontroll u pussess.*

*Billi ukoll, sa dakinhar illi l-partijiet kienu tterminaw il-ftehim originali taghhom, it-trasferiment tal-ihsma tas-socjeta konvenuta ma kienx gie formalment ezegwit mill-partijiet.*

*Billi fil-ftehim redatt mill-istess kontendenti ghat-terminazzjoni tal-ftehim originali taghhom, il-kontendenti kienu elenkaw l-obbligi rispettivi taghhom u b'riferenza ghall-kambjali accettati mill-attur Joseph Camilleri in konnesjoni mall-hlasijiet stipulati fit-2 ta' Frar 1995, fuq imsemmija, l-istess partijiet qablu li tali kambjali kellhom jinzammu mill-konvenuti sakemm l-obbligi stipulati f' dak it-tieni ftehim jigu debitament ezegwiti mill-atturi.*

*Billi l-atturi ezegwew dawk l-obbligi li kienu fi grad li jezegwixxu izda baqghu moruz fir-rigward ta' uhud minn tali obbligazzjonijiet.*

*Billi l-konvenuti qieghdin issa jippretendu il-hlas tal-kambjali hekk accettati mill-attur nonostante li tali kambjali jirraprezentaw il-korrispettiv ta' diversi stipulazzjonijiet li gew minnhom revokati u*

*terminati, tant illi l-konvenut Joseph Grima b'citazzjoni numru 970/00GCD pprezentata fit-18 ta' Mejju 2000 u deciza fis-26 ta' Gunju 2000 gie kannonizat kreditur tal-attur fis-somma ta' Lm21250 rapprezentanti l-import tal-kambjali elenkati fl-annessa lista 'DOK JC4' li kienu gew accettati mill-attur appuntu in konnessjoni mal-ftehim tat-2 ta' Frar 1995 u revokat, kif fuq inghid, fit-2 ta' April 1996.*

*Billi huwa car illi l-imsemmija kambjali gew accettati mill-attur in konsiderazzjoni tad-diversi stipulazzjonijiet assunti mill-konvenuti jew min minnhom fiz-zewg skritturi tat-2 ta' Frar 1995 b' mod illi bhala konsegwenza tar-revoka tal-imsemmija skritturi, l-imsemmija kambjali ma ghadhomx hekk pagabbli, izda gew mizmuma biss mill-konvenuti bhala garanzija tal-ezekuzzjoni tal-obbligi*

*Jghidu il-konvenuti ghaliex ma ghandhiex dina-*

1. *Tiddikjara u tiddeciedi illi l-kambjali kollha accettati mill-attur Joseph Camilleri u konsenjati minnu lil-konvenuti in konnessjoni mal-ftehim tat-2 ta' Frar 1995, liema kambjali jigu identifikati fil-kors ta' din il-kawza, ma ghadhomx jikkostiwixxu titolu ta' hlas favur il-konvenuti jew min minnhom izda biss garanzija ta' twettieq u l-ezekuzzjoni tal-obbligi gravanti lil-attur skond il-ftehim ta' terminazzjoni konkluz f'it-2 ta' April 1996.*

2. *Tillikwida l-obbligi residwali naxxenti mill-imsemmi ftehim tat-2 ta' April 1996, u gravanti lill-atturi illi ghadhom ma gewx ezegwiti mill-istess atturi u, okkorrendo wara illi taghti dawk l-ordnijiet illi jkunu xierqa dwar l-ezekuzzjoni ta' tali obbligi u okkorrendo ukoll wara illi tillikwida u tistabilixxi il-valur tal-obbligi residwali hekk iddikjarati bhala mhux ezegwiti mill-atturi, tawtorizza lill-konvenuti jew min minnhom sabiex jzommu fil-pusses taghhom bhala garanzija kontra l-eventwali inadempjenza tal-atturi f' tali obbligi, dawk il-kambjali illi jigu appozitament identifikati minn dina l-istess Qorti, illi jigu mizmuma mill-istess konvenuti jew min minnhom taht dawk il-kondizzjonijiet li jigi stabiliti mill-istess Onorabbli Qorti u li jirregolaw l-uzu u l-prezentazzjoni taghhom mill-konvenuti ghall-pagament.*

*3.	Tordna lill-konvenuti sabiex jirritornaw u jikkonsenjaw lill-attur Joseph Camilleri il-kambjali hekk accettati mill-istess attur u li ghadhom fil-pussess tal-konvenuti jew min minnhom illi l-konvenuti ma jigux awtorizzati minn dina l-Qorti illi jzommu fil-pussess taghhom b' effett tat-talba precedenti.*

*4.	Tinibixxi lill-konvenuti milli jaghmlu uzu mill-kambjali imhollija fil-pussess taghhom minn dina l-Qorti bhala pretenzjoni ta' hlas jew altrimenti milli jiggiraw favur terzi jew b' xi mod iehor jikkostitwixxu favur t-terzi titolu ta' hlas kontra l-attur Joseph Camilleri, hlief taht dawk il-kondizzjonijiet u f' dawk ic-cirkostanzi illi jigu stabiliti appozitament minn dina l-Qorti kif mitluba f' din l-istanza.*

*Bl-ispejjes, komprizi dawk tar-rikors ghall-urgenza ppreszntata kontestwalment, kontra il-konvenuti li huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi maċ-ċitazzjoni.

Rat in-**Nota tal-Eċċezzjonijiet tal-konvenuti tas-27 ta' Diċembru 2001**[1] permezz ta' liema ressaq is-segwenti eċċezzjonijiet –

1. *Illi preliminarjament din l-Onorabbli Qorti ghandha tissoprassjedi ghaliex diga qieghda tinstema kawza ohra li ghandha l-istess kambjalijiet bhala l-mertu taghha, quddiem imhallef iehor (citazzjoni numru 2116/00GC)*
2. *Illi wara r-revoka tal-ftehim originali tat-2 ta' Frar 1995, l-attur accetta dawn il-kambjalijiet ghal konsiderazzjoni ta' ftehim gdid li ghamel mal-konvenut fit-2 ta' April 1996*
3. *Illi meta l-attur issostni illi l-kambjalijiet li ffirma w accetta kienu biss garanzija ta' hlas, irid jispjega x'irid jghid ghaliex f'certu sens il-kambjalijiet kollha huma "garanzija" u huma infatti ulterjorment garantiti meta jigu accettati w iffirmati.*
4. *Illi t-talba ghal dikjarazzjoni li l-kambjalijiet ma fihom ebda obligazzjoni hija minnha nfisha kontradittorja ghat-talba l-ohra li saret biex il-konvenuti jigu awtorizzati izommu uhud mill-kambjalijiet bhala garanzija kontra l-eventwali inadempjenza ta' l-attur, u ghalhekk hija inammessibbli*
5. *Illi jekk l-attur ma kellu ebda intenzjoni li jintrabat bl-obbligazzjonijiet kontenuti fil-kambjalijiet meta huwa accetahom w iggarantihom , ma jistax, skond il-principju nullus commodum capere potest de injuri sua propria, jitlob protezzjoni kontra l-kreditur tieghu, mill-Qrati.*
6. *Illi talba ghal ordni gudizjarja ghar-ritorn tal-kambjalijiet hija inamessibbli ghaliex ir-regola tal-kummerc hija illi l-payee mhux obligatilli jirritorna l-kambjalijiet lill-accettant qabel dan ikun issodisfa d-dejn tieghu u ghalhekk ghandha tigi michuda.*
7. *Illi t-talba ghal ritorn tal-kambjalijiet hija inammessibbli ghaliex hija kontradittorja ghat-talba l-ohra li saret biex il-konvenuti jigu awtorizzati izommu uhud mill-kambjalijiet bhala garanzija kontra l-eventwali inadempjenza ta l-attur.*
8. *Illi m'hemmx lok ghal likwidazzjoni ta' danni stante illi l-attur ma sofra ebda danni*
9. *Salv eccezzjonijiet ohra.*

[1] Fol 57 et seq

Rat **il-kontro-talba tal-konvenuti rikonvenzjonanti tas-27 ta' Diċembru 2001**[2] permezz ta' liema ppremetta –

*Billi fit-2 ta' Frar 1995 l-kontendenti kienu ghamlu kuntratt sabiex l-attur jakkwista l-attiv u l-passiv ta' Grima Communications Limited li kien jinkludi l-istazzjon tar-radju Live FM.*

*Billi bhala konsiderazzjoni ta' dan il-ftehim, l-attur iffirma u accetta serje ta' kambjalijiet biex il-konvenut Joseph Grima jithallas pagamenti ta' Lm 1,500 (elf u hames mija) kull xahar sa kemm tiskadi l-licenzja tar-radju f'Novembru 1999*

*Billi l-kambjalijiet li l-attur iffirma u accetta ghal konsiderazzjoni imsemmija ghandhom valur ta' Lm123,000 (mija u tlieta u ghoxrin elf lira)*

*Billi mal-ftehim l-attur personalment ha f'idejh l-amministrazzjoni tal-istazzjon Live FM u beda jhallas dawn il-pagamenti puntwalment.*

*Billi fiz-zmien li l-attur kien qieghed jiggestixxi l-istazzjon Live FM, bl-ingieba hazina tieghu, gab sitwazzjoni fejn l-Awtorita tax-Xandir attentat illi tirtira l-licenzja tar-radju ta' Grima Communications Limited.*

*Billi l-konvenut kien kostrett illi jiftah kawza quddiem il-Qorti tal-appell sabiex jirribatti d-decizjoni tal-Awtorita tax-Xandir biex tirrevoka l-licenzja tar-Radju Live FM.*

*Billi fil-mori ta' din il-kawza l-attur kellu proceduri kriminali li minhabba fihom gie mizmum arrestat il-Habs ta' Kordin.*

*Bili f'dan l-istadju l-attur baghat jinforma lill konvenut illi ma setghax ikompli ihaddem il-ftehim ta' bejniethom aktar.*

*Billi fit-2 ta' April 1996 sar ftehim gdid bejn il-kontendenti li bih il-konvenut ha lura l-kontroll tar-radju f'idejh bil-kundizzjoni illi l-attur ihallsu d-danninaxxenti bir-revoka tal-kuntratt tat-2 ta' Frar 1995 u danni ohra relatati fosthom: a) il-pagamenti ta' Lm1,500 l-wiehed li kienu maturati u li sa qabel kien gie revokat il-kuntratt tat-2 ta' Frar 1995 kienu ghadhom mhux onorati, b) id-danni kollha li*

[2] Fol 62 et seq

*l-attur ikkaguna lis-socjeta konvenuta waqt li kien qieghed jamministra hu inkluz dritt ta' rivalsa tal-spejjez personali li l-attur hallas mill-kont tas-socjeta Grima Communications Limited, dritt ta' rivalsa tal-flus li l-attur dahal f'isem il-kumpanija bhala CET jew VAT u li l-attur dahhal f'butu minflokk hallashom lid-Dipartiment tal-VAT, hlas ta' kontijiet ohra li l-attur dahal responsabbli ghalihom matul l-amministrazzjoni tieghu tal-kumnpannija bhal kontijiet tat-telefon u ta dawk personali tal-mobile u c) danni ghal hsara u serq ta' equipment tal-kumpanija illi l-attur ippermetta li jsir min nies li kellhom il-fiducja tieghu.*

*Billi dak iz-zmien il-konvenut ippretenda w sal llum ghadu jippretendi, illi d-danni ghar-recissjoni tal-kuntratt wahedhom jammontaw ghal Lm70,500 (sebghin elf u hames mitt lira) u hma ghat-telf tad-dhul li huwa kellu jdahhal bil-kuntratt li kien ghamel mal-atturu cioe ghal pagamenti ta' Lm1,500 kull xahar minn April 1995 sa meta kellha tiskadi l-licenzja tar-Radju Live FM f'Novembru 1999.*

*Billi l-attur accetta li johrog u fil-fatt iffirma w accetta serje ta' kambjalijiet bil-valur ta' Lm 108,000 kontemporanjament mal-ftehim il-gdid ghal-hlas tad-danni naxxenti bir-revoka tal-kuntratt u danni ohra relatati mal-istess revoka tal-kuntratt.*

*Billi l-attur interpellat diversi drabi biex jghaddi biex ihallas id-danni baqa inadempjenti*

*Jghid ghalhekk l-istess attur rikonvenzjonat ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:*

1. *Tiddikjara li l-istess attur rikonvenzjonat huwa responsabbli ghad-danni: a) tat-telf ta' dhul sofferti mill-konvenut Joseph Grima meta l-attur ma riedx jew ma setghax ikompli jhaddem il-kuntratt tat-2 ta' Frar 1995, b) ghall-dawk il-pagamenti mensili li kienu dovuti u li sa mument tar-recissjoni tal-kuntratt kienu ghadhom ma gewx onorati mill-attur, c) id-danni kollha li l-attur ikkaguna lis-socjeta konvenuta waqt li kien qieghed jamministra hu inkluzi fosthom: dritt ta rivalsa tal-ispejjez personali l;i l-attur hallas mill-kont tas-socjeta Grima Communications, dritt ta' rivalsa tal-flus li dahhal f'isem il-kumpanija bhala CET jew VAT u li l-attur dahhal f'butu minflok hallashom lid-Dipartiment tal-VAT, hlas ta kontijiet ohra li l-attur dahal responsabbli ghalihom matul l-amministrazzjoni tieghu tal-kumpannija bhal kontijiet tat-telfons u ta dawk personali tal-mobile li baqa*

*ma hallasx u d) tad-danni ghal hsara u serq ta' equipment tal-kumpanija min nies li kienu jgawdu l-fiducja tieghu waqt li kien qieghed imexxi l-kumpanija hu.*

2. *Tillikwid ad-danni kkagunati jekk hemm bzonn permezz ta' periti nominandi.*
3. *Tikkundanna lill-attur rikonvenzjonat ghal hlas tad-danni hekk likwidati*

*Bl-ispejjez kontra l-attur rikonvenzjonat li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.*

Rat in-**Nota tal-Eċċezzjonijiet tal-atturi rikonvenzjonati tal-14 ta' Jannar 2002**[3] permezz ta' liema eċċepew –

1) *Illi t-talbiet tal-konvenuti ghall-hlas tad-danni huma preskritti a tenur tal-Artikoli 2154 u 2156 tal-Kapitolu 16;*
2) *Illi l-eccipjenti ma kawzax danni lill-konvenuti u certament ma humiex responsabbli ghall-lanjanzi mill-istess konvenuti fil-kontro-talba taghhom.*
3) *Illi d-danni talvolta sofferti mill-konvenuti kienu kawzati mill-istess konvenuti sew dirattament u sew ghaliex poggew l-atturi fl-impossibbilita illi jiehdu dawk il-mizuri mehtiega sabiex id-danni eventwalmet sofferti jigu prevenuti.*
4) *Salv eccezzjonijiet ohra.*

Rat illi l-kawża odjerna hija konnessa ma' u qed tinstema' kontestwalment mal-proċeduri **Ċit Nru 970/00 fl-ismijiet Joseph Grima vs Joseph Camilleri** u l-proċeduri **Ċit Nru 2116/00 fl-ismijiet Joseph Camilleri et vs Joseph Grima et**.

Rat il-provi mressqa f'dawn it-tlett kawżi u s-sottomissjonijiet li saru dwarhom.

Rat li dawn il-proċeduri tħallew kollha għall-lum għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tagħhom.

**Ikkunsidrat:**

[3] Fol 74

1. Fil-kawża Ċit Nru 2116/00 l-attur qed jitlob lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut għall-ħlas tal-ammont ta' €162,764.96 (Lm69,875.00) rappreżentanti l-valur ta' mija u wieħed u erbgħin kambjala ffirmati u accettati mill-istess konvenut u li lkoll immaturaw għall-ħlas. Dan flimkien mal-imgħaxijiet legali mid-data tal-maturita' relattiva sad-data tal-pagament effettiv.

2. Fil-kawża Ċit Nru 970/00 l-attur qed jitlob lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut għall-ħlas tal-ammont ta' €49,499.18 (Lm21,250.00) rappreżentanti l-valur ta' erbgħin kambjala ffirmati u accettati mill-istess konvenut u li lkoll immaturaw għall-ħlas. Dan flimkien mal-imgħaxijiet legali mid-data tal-maturita' relattiva sad-data tal-pagament effettiv.

3. Minn naħa tiegħu, Joseph Camilleri, konvenut fiż-żewġ kawżi irrespinġa tali pretensjonijiet bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt. Dan peress li fil-fehma tiegħu l-imsemmija kambjala ma kinux għadhom jikkostitwixxu titolu ta' ħlas kif intiż oriġinarjament iżda ġew kostitwiti bħala garanzija għall-eżekuzzjoni mill-istess konvenut ta' ċerti obbligazzjonijiet assunti fuq ftehim ieħor aktar tard meta ġie xolt in-negożż3ju bejniethom.

4. Sussegwentement, l-istess Joseph Camilleri u s-soċjeta' Kiss Live FM Ltd intavolaw l-proċeduri odjerni kontra Joseph Grima u Grima Communications Ltd (Ċit Nru 2325/00) permezz ta' liema talbu lill-Qorti tiddikjara li l-kambjali kollha aċċettati minn Camilleri ma għadhomx jikkostitwixxu titolu ta' ħlas favur Joseph Grima et iżda biss garanzija ta' twettieq u l-eżekuzzjoni tal-obbligi gravanti lil Camilleri skont il-ftehim tat-2 t'April 1996. Joseph Camilleri et talbu wkoll lill-Qorti sabiex tillikwida l-obbligi residwali naxxenti mill-ftehim appena msemmi u gravanti lil Camilleri et li għadhom ma ġewx esegwiti minnhom u okkorrendo wara li tagħmel dan il-Qorti tawtorizza lil Joseph Grima et sabiex iżommu bħala garanzija kontra l-eventwali inadempjenza ta' Camilleri f'tali obbligi, dawk il-kambjali li jiġu appożitament identifikati minn din l-istess Qorti. B'effett ta' din l-aħħar talba, Joseph Camilleri et talab lill-Qorti tordna lil Grima et sabiex jirritornawlu l-kambjali hekk aċċettati mill-istess Camilleri u li għadhom fil-pussess ta' Grima et u li dawn ma jiġux awtorizzati mill-Qorti li jżommu fil-pussess tagħhom b'effett tat-talba preċedenti. Camilleri et talbu wkoll lill-Qorti tinibixxi lill-konvenuti f'dik il-kawża milli jagħmlu użu mill-kambjali mħollija fil-pussess tagħhom minn din il-Qorti bħala pretensjoni ta' ħlas jew altrimenti milli jaġġirawhom favur terzi ħlief skont il-kundizzjonijiet stabbiliti mill-Qorti.

5. Għal din il-kawża kontrih Joseph Grima et irribatta fost oħrajn li kien Camilleri stess li aċċetta dawn il-kambjala għal konsiderazzjoni ta' ftehim ġdid li sar fit-2 t'April 1996. Inoltre, talba għal ordni ġudizzjarja għar-ritorn tal-kambjalijiet hija inammissibbli għaliex hija kontradittorja għat-talba l-oħra li saret biex il-konvenuti jiġu awtorizzati jżommu uħud mill-kambjaliet bħala garanzija kontra l-eventwali inadempjenza ta' l-attur[4].

6. Fl-atti tal-kawża odjerna l-konvenut Joseph Grima et ressaq ukoll kontro-talba[5] permezz ta' liema talab lill-Qorti tiddikjara li l-attur rikonvenzjonat huwa responsabbli għal danni tat-telf ta' dħul sofferti mill-konvenut Joseph Grima meta l-attur ma riedx jew ma setax ikompli jħaddem il-kuntratt tat-2 ta' Frar 1995; għal dawk il-pagamenti mensili li kienu dovuti u li sal-mument tar-rexissjoni tal-kuntratt kienu għadhom ma ġewx onorati mill-attur; għad-danni kollha li l-attur kkaguna
lis-soċjeta' konvenuta waqt li kien qiegħed jamministra hu; u danni għal ħsara u serq ta' apparat tal-kumpanija minn nies li kienu jgawdu l-fiduċja tiegħu waqt li kien qiegħed imexxi l-kumpaniji hu.

7. L-atturi ressqu l-eċċezzjonijiet tagħhom għat-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenuti fejn qajmu l-preskrizzjoni tal-azzjoni għall-ħlas tad-danni u fil-mertu ċaħdu li huwa kien ikkawża d-danni allegati. Anzi huma saħqu li kwalunkwe danni talvolta sofferti mill-konvenuti kienu kawżati minnhom stess kemm direttament kif ukoll għax poġġew lill-atturi fl-impossibilita' li jieħdu dawk il-miżuri meħtieġa sabiex id-danni eventwalment sofferti jiġu prevenuti[6].

**Elenkati l-kawżali fit-tlett proċeduri konnessi l-Qorti tagħmel referenza għas-sentenzi mogħtija llum fil-proċeduri Ċit Nru 2116/00 u 970/00 surreferiti u tiddikjara li l-kunsiderazzjonijiet u l-konklużjonijiet hemm raġġunti għandhom japplikaw u jitqiesu parti ntegrali mis-sentenza li ser tingħata llum fil-proċeduri odjerni.**

**Fid-dawl ta' dan, u għar-raġunijiet mogħtija fis-sentenzi msemmija, l-ewwel talba tal-atturi sejra tintlaqa'.**

---

[4] Fol 57 et seq
[5] Fol 62 et seq
[6] Fol 74

It-tieni talba tal-atturi hija għall-likwidazzjoni tal-obbligi residwali naxxenti mill-ftehim tat-2 t'April 1996 u gravanti lil Camilleri et li għadhom ma ġewx esegwiti minnhom u okkorrendo wara li tagħmel dan il-Qorti tawtorizza lil Joseph Grima et sabiex iżommu bħala garanzija kontra l-eventwali inadempjenza ta' Camilleri f'tali obbligi, dawk il-kambjali li jiġu appożitament identifikati minn din l-istess Qorti.

Da parti tagħhom Grima et jitolbu li jiġu likwidati d-danni naxxenti kemm minn nuqqas ta' inadempjenza kontrattwali ukoll danni naxxenti minn ħsarat u serq li okkorrew fil-gestjoni ta' l-istazjon minn Camilleri et.

Ikkunsidrat

Il-Qorti issa se tgħaddi biex teżamina t-talbiet attriċi u dawk rikonvenzjonali flimkien in kwantu għal mod xejn feliċi u intriċjati kif ġew kompilati l-provi. Bla dubbju ta' xejn stante l-ewwel talba milqugħa l-Qorti issa trid tiddentifika, jew tiprova tagħmel dan, dawk l-obbligi residwali kif naxxenti mill-ftehim li daħħlu fih il-partijiet wara li Joe Camilleri personali, għaliex kien il-ħabs fuq arrest preventiv, għażel di *sua sponte* li jinħall mill-ftehim originali ta' bejn il-partijiet. Dan kif rifless fl-ittra datata 16 ta' Marzu, 1996[7], għażla li ġiet aċċetta minn Grima nnifsu[8]. Bla tlaqliq il-Qorti tgħid li għandha diffikulta kbira tagħmel dan minħabba l-iskarżeżża tal-provi fir-rigward da parti tal-attur rikonvezjonat.

Huwa prinċipju miżmum lil-liġi torbot lill-parti f`kawża li tipprova dak li tallega (art. 562 tal-Kap 12) u li tagħmel dan billi tressaq l-aħjar prova (art. 559 tal-Kap 12). Iddur kemm iddur max-xhieda ta' Joeseph Camilleri et. din il-Qorti ma tistax tasal għal dak li baqa' bħala obbligazzjoni residwali mill-ftehim li daħal għalih ma Joe Grima wara li ta lura l-istazzjon. Lanqas mid-dikjarazzjoni tal-fatti annessa mar-rikors ġuramentat (dejjem 2325/00) ma hemm ħjiel ta' x' inhuma dawn l-obbligi li Camilleri et. baqa' moruz fihom.[9] Jingħad ukoll, dan biex żgur tkun wiżnet kollox fir-rispett ta' kull aspett mressaq mill-partijiet li Joseph Camilleri, tul ix-xhieda fit-tul li hu ta fil-proċeduri kollha relattati, jilminta diversi drabi mill-fatt li hu meta ta lura l-pussess ta' l-istazzjon lil Grima, kien

[7] Folio 86 2325/2000 DOK JG1
[8] Dok B Folio 115 : 2116/00
[9] Paragrafu 11 gta' l-istess folio 4( 2325/2000)

għadu l-ħabs u li meta ħareg ma sab xejn mill-kotba tiegħu. Dan seta' jqegħdu f'ċerta diffikulta li jasal jipproduċi l-provi kollha meħtiega fir-rigward. Da parti tagħhom Joe Grima et. kienu aktar assidwi fil-produzzjoni tal-provi, tenut dana l-Qorti wara li tagħmel eżami akkurat ta' dak kollu lilha prodott, se tasal b'mod ekwittativ biex isolvi l-vertenzi bejn il-partijiet.

Minħabba li l-vertenzi n eżami jkun opportun lil Qorti tagħmel sintesi tax-xhieda prodotta. Tibda b'dik ta' Dr. Joseph Giglio[10] għax jinċidi direttament fuq il-ftehim li sewa kif intiż mill-partijiet biex jinħallu l-ewwel żewġ skritturi li daħħlu preċedentement fihom rigwardanti l-istazzjon, it-trasferiment u gestjoni tiegħu kontra l-korrispettiv miftiehem:Dok JC1 u JC2[11]. Dr. Giglio għaraf id-dokumentJC3[12], bi tlett pagni, qal li Joseph Camilleri għax kien il-ħabs kien ħass li ma setgħax ikompli jonora l-ewwel ftehim imsemmi ċioe' t-tmexxija ta' l-istazzjon Live FM. Qal li konsegwenza ta' hekk Joseph Camilleri kiteb lil Grima ittra datata 16 ta' Marzu, 1996, Dok.JG1.[13] Kien konsegwenti għal din l-ittra, allura aċċettata minn Grima et.[14] li sar il-ftehim tal-ħall, kif isejjaħlu Dr. Gilgio *"agreement fuq xiex il-partijet qabblu"*[15]. Ikkonferma li Camilleri kien għadda ukoll kambjali lil Joe Grima *"to secure l-obbligazzjonijiet li assuma skond il-ftehim"*[16] Għalhekk igħid lil kambjali mogħtija, li kienu jeżistu qabel dan l-aħħar ftehim, kelhom jibqgħu fi ħdan Grima biex jassiguraw l-operat ta' obbligazzjonijiet assunti. Dwar il-listi a folio 13 u 14 ta' l-atti proċesswali intestati Grima Communications u Joseph Camilleri kienu jindikaw l-obbligazzjonijiet assunti minn kull parti rispettivament, dan apparti obbligazzjonijiet oħra li Camilleri assuma skond dak li kien hemm stipulat a folio 12 ta' l-atti. Senjatament igħid li għalkemm ma kienx jaf għalfejn inħargu originaljament il-kambjali *de quo* jżid *"Imma kif jidher mill-ittra tas-16 ta' Marzu 1996, is-Sur Joe Camilleri, kien aċċetta li dawn il-kambjalijiet, jibqgħu a disposizzjoni tas-Sur Joe Grima biex jagħmlu tajjeb għall-obbligazzjonijiet li kien qed jassumi s-Sur Camilleri fuq dan il-ftehim............Fil-waqt li l-lista li hemm taħt l-isem ta' Mr Camilleri, huma obbligazzjonijiet li assuma Mr Camilleri li jibqa' jħallas hu nonostante t-terminazzjoni tiegħu ma Grima*

[10] Folio 88 2325/00
[11] Folio 8 u 10 rispettivament.
[12] Folio 12-14
[13] Folio 86 supra indikata
[14] Dox.B folio 115: 2116/00
[15] Folio 89 2325/2000
[16] Folio 90 ibid.

*Communications. Dana apparti l-obbligazzjonijiet oħra li kien qed jassumi ai termini tal-ftehim li jinsab a fol 12 tal-proċess. ”*[17].

Kompla li għalhekk dan il-ftehim kien jimplika li jekk ikun il-kaz illi Camilleri ma kienx ħallas il-VAT, u l-Vat Department iddur fuq Grima Communications, s-Sur Joe Grima kien ikollu dritt li juża l-kambjali, fl-ammont ekwivalenti biex jiġbor il-flus mingħand Joe Camilleri. *"Il-kambjali kienu żgur jiggarantixxu l-obbligazzjonijiet naxxenti minn dan il-ftehim"*[18] Ma kienx ċert jekk kienx hemm obbligazzjonijiet oħra naxxenti mill-kwistjoni tas-sit Għall-Kafe bejn il-partijiet ukoll marbuta ma dawn il-kambjali.

Da parti ta' Joseph Grima et. dan inġagga lil accountant Renald Micallef biex wara li għamel eżerċizzju piutost fit tul wasal biex jagħti elenku piutost dettaljat ta' dawk li huma d-danni pretiżi minn Grima wara li dan reġa' ħa l-istazzjon lura mingħand Camileri. Tant li kif jidher mill-atti (2116/00)[19] intbagħtu anke ittri lil kull entita' li rreklamat ma l-istazzjon, stante li ma kienx detterminat fi żmien l-amministrazzjoni ta' Camilleri xi flus fil-fatt kienet irċeviet is-soċjeta Grima Communications fir-rigward, biex b'hekk jiġi determinat il-ħlasijiet li suppost dehru fil-kont tal-kumpanija konvenuta. Micallef xehed kemm premess ta' affidavit ukoll viva voce għal ħafna drabi daqstant ieħor in kontro eżami. Fl-affidavit[20] spjega kif hu rrnexxielu jibni l-accounts mill-gdid tas-soċjeta' rikonvenzjonanti wara li din reġgħet għaddiet lura għand Joe Grima. Qal li suppost ir-records ta' l-accounts kienu jinżammu fl-uffiċċju ta' Joe Camilleri fil-mori taż-żmien lil kumpanija kienet gestita minnu. Hemm igħid li meta daħħlu ma sabu xejn. Ukoll li ma ġiex mogħti handover mill-accountants ingaġġati minn Camilleri. Saret spezzjoni fir-rigward minnu u minn Joe Grima. Ma stabu ebda record ta' accounts, instabu cheques books tal-kumpanija rikonvenzjonanti li kienu użati parżjalment biex jitħallsu flejjes dovuti lil kumpaniji oħra ta' l-attur rikonvezjonat kif ukoll spejjez personali ta' l-istess Camilleri. Dan l-analiżi ta' rikonċiljazzjoni sar tramite l-għajnuna tal-bank Mid-Med/HSBC biex b'hekk ix-xhud seta' jasal għal ammonti ta' flejjes li ġew utilizati minn Camilleri għal għanijiet li ma kellhomx x'jaqsmu mall-kumpanija rikonvenzjonanti. Jagħmel referenza hawn għal appendix A inkluż u anness fil-ledger 1. Esebixxa ukoll

[17] Folio 90 ibid.
[18] Folio 92 ibid.
[19] Ledgers annessi
[20] Dok RMX1 folio 220 (2116/00)

sensiela ta' cheque books Dok RMX2[21] li juri l-pagamenti minnu msemmija. Micallef wasal għal konklussjoni li dawn l-ispejjez sodisfatti mill-fondi tal-kumpanija Grima Communications Ltd. kienu ammontanti għal ammont ta' Lm20,094.77: f'dan ir-rigward vide appendix E fil-ledger ġia msemmi.

Micallef xehed ukoll dwar ir-riklami, jgħid li  mħabba li ma nstabux il-contract books rispettivi kollha ma kienux f'posizzjoni joħrog l-accounts fir-rigward. Għalhekk ġie mqabbad espert tal-computers biex minn  dak l-instab, (igħid l-istess xhud li nstab ukoll computer nieqes meta Grima reġa ħa kontroll ta' l-istazzjon) jinħargu ir-reklami li ġew *aired* biex b'hekk tkun tista isir rekonċiljazzjoni tal-flejjes ta' l-istess li suppost kellha fi ħdana il-kumpanija Grima Communications. Mill-eżerċizzju li għamel l-istess Micallef irriżulta lli, u hawn sakemm xehed,  għax igħid li kien għadu ma spiċċax dan l-eżerċizzju, lil-klijenti tal-kumpanija kienu ħallsu s-somma ta' Lm53,787.12 li minnhom Lm33, 539.76 biss kienu ġew depositati fil-kont bankarju tal-kumpanija waqt li s-somma ta' Lm1, 838.2 kienu nżammu min xi impjegati tal-kumpanija. Kien għalhekk baqa bilanċ ta' Lm18, 409.16 li ma kienux *accounted* for. Tkellem ukoll li biex wasslu għal dan l-ammont bi qbil ma Grima ir-reklami ġew ikkalkulati fl-ammomt konservattiv ta' Lm1 il-wieħed, irħas minn dak li kien jitħallas is-soltu; Lm2 reklam ta' 20 sekonda u Lm dak ta' 30 sekonda.

Dwar l-assi tal-kumpanija li Grima sab neqsin igħid li l-istess għamel lista. Din kienet tikkonsisti anke f'apparat li nstab miksur jew misruq.  Ġie sesebit ukoll lista ta' dawn l-assi ammontanti għal Lm12,700, din kif redatta (u aktar tard ikkonfermata) minn Joe Grima.

Presenta ukoll prospett immarkat bħala Dok RNXY1[22] li jirriflettu dak l-eżami li kien għamel kif spjegat.

In kontro-eżami jirrispondi li meta hu kien ikkompona dan il-prospett ma kienx ħa in konsiderazzjoni l-flejjes li Joe Grima kien leħaq irċieva in konsiderazzjoni ta' l-ewwel ftehim bejn il-partijiet bħala korispettiv għal negozzzju li spiċċa falla.

Aktar tard in kontro-eżami baqa nsistenti li għalkemm il-ftehim inizjali bejn il-partijiet ma kienx għamlu hu pero skontu ż-żewġ partijiet kienu ottimisti lil

[21] Rikors Ġuramentat 2116/00
[22] Folio 327  Ibid.

liċenzji ta' l-istazzjon jgħaddu fuq Joe Camilleri u lis-share tranfer imsemmi kien kundizzjonat għal dan il-fatt ukoll għal assunzjoni tal-garanziji li kienu gravanti fuq Joe Grima.[23]

Ġie kif intqal ingaġġat ċertu Patrick Ruggier[24] li għamel eżerċizzju fuq il-computers li nstabu ġewwa l-istazzjon darba li rega' mar f'idejn Grima biex jara x'riklami ttelgħu *on air*. B'hekk hu għamel rapport bil-miktub ta' dan u setgħet isir rikonċiljazzjoni tal-flejjes li ddaħħlu ta' dawn ir-reklami u fejn marru. Ara f'dan ir-rigward *list logs* annessi mad-dokument appendix 2: (ledger file).

Dwar nuqqas ta' makinarju meta l-istazzjon kien f'idejn id-direzzjoni ta' Camilleri xehed ukoll ċertu Gordon Caruana[25] li kkonferma li meta kienu xxandru minn tas-Sliema kien naqqas biċċa makinarju l'hekk imsejjaħ DAT machine. Skontu baqgħet ma nstabetx. Jitkellem ukoll dwar żmien f'din il-ġestjoni ta' Camilleri li ma kienx jitħallas paga. Ikkonferma li hu kien inkarigat li jdaħħal ir-reklami fil-computer pero ma kienx responsabbli għal ħlas ta' l-istess**.**

Da parti tiegħu Joe Grima xehed piutost fit tul dwar lilmenti tiegħu fil-konfront ta' Joe Camilleri, l-amministrazzjoni ta' l-istazzjon Live FM mill-istess, ukoll tad-danni li hu kien qed jippretendi.

Għandu jingħad illi Joe Grima apparti għal dawk il-flejjes li semma Renald Camilleri jippretendi li jiġi riumbursat tat-telf ta' qliegħ personali li hu soffra meta Camilleri b'mod unilaterali iddeċida li jrid jinħall mill-ftehim originali ta' bejniethom. Dan jirriżulta ċar mill-kontro talba.

Dwar id-dokument JC3 igħid lil-lista ġiet redatta mill-partijiet u li għalija ffirmaw it-tnejn li kienet tiddenota kif kellhom jintrefgħu d-danni rispettivament pero li ma kienetx waħda *exhaustive* stante li ma kienx għadu jaf sew l-entita' tad-danni ikkreati waqt l-amministrazzjoni ta' l-stazzjon minn Joe Camilleri. Xehed ukoll dwar ħsarat u serq fl-istazzjon. Ta eżempju ta' DAT recorder, ta' ħames microphones, ta' video recorder. Ikkonferma li meta Camilleri ħa l-

[23] Gfolio 504 ibid.
[24] Folio 215 (Rikors ġuramentat 2116/00)
[25] Folio 262 (ibid)

istazzjon li kien jitrasmetti mill-Furjana, għax imbagħad ħadu ġewwa tas-Sliema, kien fornut u attrezzat b'makkinarju skont inventarju. Jiddeskrivi l-*equipment* li ħalla fl-istazzjon bħala *state of the art* ukoll li ma kienx jaf li Camilleri kien se jitlaq mill-Furjana għax kieku minħabba l-istess *equipment* kienu jopponuh. Xehed li anke *day to day affairs* bħal ħlas ta' dawl u telephone ma kienux tħallsu meta l-istazzjon kien f'idejn Camilleri.

Dwar il-liċenzja tal-Broadcasting Authority qal li darba li Joe Camilleri ħa l-amministrazzjoni ta' l-istazzjon f'idu, din saħansitra minħabba affarijiet li ġraw f'din id-durata, ġiet anke sospiża. Fir-rigward ġew presentati kemm sentenza li kienet tikkonferma is-sospensjoni tal-liċenzja minħabba aġir fl-amministrazzjoni[26] u korrispondenza oħra f'dan ir-rigward.[27] Din is-sospensjoni kellha effett drastiku fuq l-introjtu ta' l-istess stazzjon li inevitabilment minnħabba l-ġeneru jiddependi fuq reklamar, tant li Grima jgħid li lilhom dan qatilhom.

Grima jammetti ukoll li fil-fatt wara li ġie xolt l-ewwel ftehim bejniethom hu żamm il-kambjali bħala ġaranżija tal-pagament għal ħlas tad-danni li għalihom kien obbliga ruħu Joeseph Camilleri. Jgħid lis-somma tad-danni kienet tirriżulta mill-eżerċizzju li kien għamel Renald Micallef.[28] Qal li fil-ftehim tal-ħall Camilleri kellu jiverifika tramite l-accountants tiegħu x-xogħol li kien għamel Micallef, pero Camilleri qatt ma wassal jagħmel dan. Qal lil kambjali kellhom jingħataw lura darba li jsir il-ħlas kif jidher mill-istess ftehim.

Qal li anke spiċċa ħallas il-VAT dovuta minn Grima Comunications waqt l-amministrazzjoni ta' Camilleri, l-istess il-licence tat-transmitter, ukoll il-fee tal-Broadcasting Authority nonostante li dawn kienu obbligazzjonijiet assunti minn Camilleri fil-ftehim imsemmi. Jgħid li dak li hemm imniżżel fid-dokument tal-ftehim tad-danni dovuti minn Camilleri baqa' ma tħallusx minnu. Ikkonferma lil karozzi ġew ritornati. Jikkonferma ir-ritonn ta' wieħed mis-satelite dishes, pero mhux id-dish ieħor iż-żgħir. Jgħid li ġiet misruqa sistema ta-telefons:PEL, f'dan ir-rigward il-ħlas sar minnu ukoll. Ikkonferma li kellu jħallas ukoll il-kera ta'

---

[26] Fol 543 2116/2000
[27] Vide Folio 114 et. seq proċess 2325/2000 u Dok EC3 folio 122 ta' l-istess atti.
[28] Folio 146 Rikors Ġuramentat 970/00

Regency House minn fejn kien qed jopera l-istazzjon taħt Camilleri, ukoll li kellu jħallas xi uhud mill-impjegati. Qal li ċertu impjegati talli ma tħallsux ħadu xi *items* mill-*equipment* ta' l-istazzjon. Żid li hu ma kienx qed jippretendi ħlas ta' dawk l-items li tagħhom Camilleri kien ġia affettwa ħlas. Xehed fuq prospett ta' danni addizzjonali[29], għal ammont ta' Lm13,261.00, li kien redatt wara li hu ħa over ta' l-istazzjon u wara l-ewwel eżerċizzju ta' Micallef , spejjez li ma kienux inkluzi fl-ittra uffiċjali mibgħuta lil Camilleri għal ammont ta' Lm52, 991.00[30]. Jgħid ukoll li skrittura tat-2 ta' April ma kienetx għalhekk inklussiva ta' kollox. Presenta ukoll sensiela ta' riċevuti in sostenn ta' xi pagamenti li affettwa hu.[31]

Grima anke xehed fuq il-ftehim li sar bejnu u bejn Camilleri għat-trasferiment ta' l-istazzjon. Qal li peress lil ftehim għal dan ma kienx ġie redatt minn avukat mhux kullimkien kien ċar, b'dana kollu t-tnejn kienu jafu x'kienu qegħdin jagħmlu u x'riedu preċisament. Spjega li Camilleri ried minnu fih jieħu over ta' l-istazzjon, stazzjon li kien ġia armat u kellu klijentela stabilita. Qal li hu ridt fee maqbula, ammont ta' flus fix-xahar bħala konsulent. Spjega ukoll li fiż-żmien li l-istazzjon kien ġestit minnu kellu turn over annwali ta' Lm100,000, mentri fis-sena li kien f'idejn Camilleri din niżlet għal Lm50,000, tant li meta rega' ħadu f'idejh hu, sab turn over ta' tlettin elf lira maltin. Ġew esebiti anke l-*accounts* tal-kumpanija biex juri din id-diskrepanza finanzjara.

Żid dwar il-ftehim illi kollox għadda f'idejn Camilleri inkluz il-kontijiet bankarji tal-kumpanija Grima Communications, it-tmexxija ta' l-istazzjon, l-attiv u l-passiv tagħha ukoll suppost għaddew f'idejn Camilleri. Dwar it-trasferiment tal-liċenzja qal li Camilleri kien jaf bid-diffikultajiet ta' dan minħabba l-fatt lil-liċenżja ta' l-istazzjon kienet f'ismu, li għal dan it-trasferiment kien neċessarju l-permess ta' l-Awtorita' tax-Xandir. Hu kif kien obbligat għamel l-applikazzjoni ma din l-entita' għat-trasferiment imsemmi. Żid li hu kien ta l-opinjoni illi Camilleri kellu l-kwalifiki kollha biex din tiġi approvata.

Dwar il-kambjali presentati fil-kawza 2116/00 jgħid li jekk kien hemm kambjali oħra oltre dawn kienu biex ikoppru il-ħlas dovut lilu; Lm500 fix-xahar għalih bħala *consultancy fee* u Lm1000 tat-trasferiment ta' stazzjon armat.

---

[29] Folio 149: Dok XX1 folio 149 ibid.
[30] Datata 15 ta' April, 1997: atti 2116/00
[31] Folio 151-155 dok PD3 sa PD7.

Spjega li hu ħa lura l-istazzjon bl-għajnuna tal-pulizija. Qal li dan kellu jagħmlu għax kien skopert mall-bank fis-somma ta' Lm180,000, minħabba self, kiri ta' equipment u ġaranżiji. Ukoll li l-liċenżja kienet ġiet sospiża tort ta' Camilleri.

Dwar il-mija u erbgħin kambjala li hu presenta fil-kawza 2116/00 għal ammont ta'disgħa mija u ħamsa u sebgħin lira maltin, (Lm69,875) mmarkati JC20 sa JC91 igħid li dawn kienu jkoppru dawk il-ħlasijiet li Camilleri kellu jagħmel lilu fuq bażi mensili.

Qal li meta Camilleri urih ix-xewqa li jixtri l-istazzjon Live FM kien avżaħ li dan ma kienx possibbli għaliex dan kien jappartjeni lil Broadcasting Authority. Qal li minn naħa tiegħu Camilleri ried li jsib mod li jieħu f'idu l-istazzjon, hu da parti tiegħu daħħal fl-arrangament inizjali għaliex għalih kien bizejjed li jkollu introjtu fix-xahar. Qal li dwar il-liċenzja ġia mill-bidu Camilleri kien jaf lil liċenzja kienet tappartjeni lil Awtorita' u għalhekk u ma qarraq qatt b'Camilleri fir-rigward.

Dwar il-ġaranżiji li kienu jorbtuh u li kellhom iduru fuq Camilleri tkellem fuq propjeta' tiegħu u tal-mara u life policy marbuta mall-bank.

Dwar il-liċenżja qal li nonostante li l-Awtorita' saqsitu ħafna domandi fuq Camilleri xorta il-liċenzja baqgħet fuq ismu. Qal li dan ġara ukoll għax minħabba disġwit li kien inqala' bejn Camilleri u Dr Bezzzina; dan ta' l-ewwel kien fil-fatt tefa' l-istazzjon u unilateralment waqqfu jitrasmetti. Fatt dan li ġie kkonfermat minn Bezzina nnifsu u anke mis-sentenza esebita.[32] Qal li hu l-istazzjon tah lil Camilleri biex imexxih hu biex fl-aħħar jiġi propjeta' tiegħu.

Dwar il-pagamenti dovuti lilu fuq skorta tal-ftehim għat-trasferiment ta' l-istazzjon qal fil-bidu dawn kienu regolari pero Camilleri aktar tard beda ġej b'diffikuta tant li jiftiehem miegħu biex iħallsu u ma jsibux skont kif miftiehem.

Qal li minħabba li Camilleri kien għal żmien il-ħabs u minħabba li ġew kkagunati varji danni fl-istazzjon hu kien aċċetta li jerġa jieħu lura t-tmexxija ta' l-istess. Għalhekk Camilleri kien kitiblu b'dan il-għan u qabblu li Grima kellu jżomm l-kambjali li kellu f'idu bħala garanzija għal spejjez, ħsarat, għal dak li kellu jitħallas u ma tħallasx u għas-serq. Tkellem dwar danni bħal per ezempju ta'

[32] Folio 238 2116/00

cheques tal-kumpanija Grima Communications li intużaw għal ħlas ta' spejjez ta' night club, l-Puschka, ħlas ta' l-ispejjez tal-Lido kollha ta' l-istess Camilleri, ħlas ta' erba' t'elef lira lil avukat tiegħu, *equipment* nieqes, lis-sistema tagħhom sosfistikata li kienet inxtrat mill-USA ma kienetx instabet taħdem kollha.

Dwar il-kambjali in kwistjoni għalhekk Grima jixhed li dawn kienu dovuti għar-ragunijiet ta' spejjez u ħsarat kif spjega u ħsarat oħra li kienu għadhom se jirrizultaw. Qal ukoll li dawn il-kambjali kienu jkoppru ukoll is-shareholders' loan li hu kien għamel lil kumpanija.

Senjatament igħid li hu leħħaq tħallas għaxar kambjali ta' elf u ħamsa ta' mija.

Insista lil-fatt li hu ħa lura l-istazzjon żid l-ammont dovut meta sar jaf x'ġara: minħabba d-danni, diskrepanża fil-biegħ tar-riklami u l-ammont li fattwalment ġie depositat. Jikkonferma li hu mingħand Camilleri kellu jieħu d-danni kollha kkawżati minnu, ukoll dawk li kienu jirriflettu ħsarat materjali dawn skontu fuq skorta tal-ftehim li sar bejniethom meta aċċetta lura l-istazzjon.[33]

Dwar il-ġaranżiji[34] jixhed li biex jduru dawn hu u Camilleri kienu anke iltaqgħu l-bank tant li Camilleri kien anke għamel depositu wieħed. Pero qal li Camilleri beda isib skapatoji biex ittawwal iż-żmien tant li għaddiet sena u l-ġaranżiji bankarji baqgħu ma darux fuqu. Żid li għalkemm Camilleri obbliga ruħu li jieħu l-passiv tal-kumpanija dan baqa' ma għamlux tant li naqas minn dan nonostante li ftehmu mall-bank, u anke meta l-bank bagħat għalih. Għalhekk da parti tal-bank baqa' jżomm lil Grima responsabbli għal ġaranżiji msemmija. Qal li anke meta mar ikellmu flimkien ma l-accountant tiegħu bil-kwiet dwar il-ġaranżiji, Camilleri kelliemhom ħażin. Qal anke biex igħin lil Camilleri fettaħlu t-tieni kont account no2, biex fih jiddeposita u jħallas bic-cheque book tal-kumpanija, jgħid li dan għamlu għaliex l-ewwel kont Camilleri wasslu *"to the limit"*. Nonostante ċioe' Camilleri xorta baqa ma qalibx il-ġaranżiji fuqu. Jgħid li Camilleri ma bediex jiddeposita cheques tal-kumpanija fil-kont tagħha. Qal li minħabba lil ġaranżiji ma darux mal bank hu kien marbut għal tlett figuri Lm75,000 overdraft, Lm30,000 self ukoll Lm75,000 kera ta' equipment.[35]

[33] Folio 162 ibid
[34] Xhieda ta' Joe Grima esebita bħala estratt mill-kawza Ċit.Nru. 1604/95GCD minn Dr.Stephen Thake
[35] Folio 348. ibid.

Qal li bin-nuqqas ta' qlib tal-ġaranżiji hu ġie f'sitwazzjoni fejn baqa responsabbli hu għal business ġestit minħaddieħor fuq liema hu ma kellux kontroll.

Mistoqsi mill-Qorti jekk darba lil ftehim bejniethom kien maħlul jekk kienx qed jippretendi lli li kellu jitħallas ukoll l-elf u ħames mitt lira fi-xahar wieġeb hekk:

*"U żgur li le. M'għandu x'jaqsam xejn. Aħna ma konniex nafu x'kien hemm. Kellna idea li seta' kien hemm danni sostanzjali minn dak illi konna nisimgħu mill-agenziji, mingħand in-nies, minn advertisers, minn kif konna naraw kif inhu sejjer l-istazzjoni, tidħol hemmhekk u ssib, fejn mar dan?. Dan fejn qiegħed? Dad-dish m'għadux hawn? L-equipment fejn mar? U ma ssibux, jgħiduli isma' dak kien qiegħed hawn il-bieraħ fl-għaxija t-tali u ħadu miegħu"*[36]

Da parti tal-Awtorita Tal-Broadcasting xehed Antoine Ellul li fiż-żmien tal-kwistjoni *de quo* kien jokkupa l-kariga ta' Chief Executive ta' l-istess Awtorita'. Qal li fuq informazzjoni li kellhom dwar it-trasferiment ta' l-ishma tas-soċjeta' Grima Comunications Limited li kienet tmexxi l-istazzjon tar-radjo in kwistjoni, l-istess Awtorita' kienet talbet informazzjoni dwar minn kien se jixtri s-shares, ukoll talbu ċertu ġaranżiji għar-rigward tal-liċenzja li kienet mogħtija lis-soċjeta' n kwistjoni. Qal li vverifikaw l-iskrittura privata li kienet saret bejn dawn kollha li kienu mdaħħlin f'dan is-share transfers.

Ikkonferma lli s-soċjeta' Grima Communications kienet għamlet ċerti affarijiet sabiex il-liċenżja ddur, pero li l-Awtorita' deherilha li dawn ma kienux biżżejjed. Żid li kienu anke irċevew ittra mingħand Dr.Emy Bezzina li kien infurmahom li waqt li hu kien qed jxandar kienet inqatgħet it-trasmissjoni. Qal ukoll li kien irriżulta ukoll li kienu saru xi affarijiet li ma kienux awtorizżżati mill-Awtorita' tant li l-istess Awtorita' anke issospendit il-liċenżja għal sitt xhur. Fuq hekk is-soċjeta' Grima Communications ħadet lil istess Awtorita' l-Qorti.

Jgħid dan:

*"Nikkonferma li d-deċizzjoni li ħadet l-Awtorita', l-Awtorita' ħaditha fuq diversi konsiderazzjonijiet fosthom kienn hemm ittra ta' Dr. Emy Bezzina li kkonfermat illi l-istazzjon effettivament kien għadda f'idejn terżi, u ma kienx għadu f'idejn*

[36] Folio 166 ibid.

*Grima Communications jew Joe Grima. .....prinċipali kienet li għalkemm kien jidher illi kienu għadhom qed isiru xi negozjati dwar it-transfer tas-shares, pero illi l-kontroll effettiv  ta' l-istazzjon deher li għadda f'idejn terżi persuni. Aħna konna ksibna l-informazzjoni kif għidt qabel mingħand Grima Communicatons u mingħand Joe Grima,  u konna ukoll tlabna informazzjoni mingħand Joe Camilleri li kien se jixtri s-shares. Ħafna mill-korrispondenza  li aħna konna nibgħatu lil Joe Camilleri kienet tiġi lura undelivered"*[37]

F'dan ir-rigward terġa ssir referenza għas-sentenza esebita fl-ismijiet Joseph Grimapro et noe. vs Joseph Pirotta fil-kwalita' tiegħu ta' Chairman  għan-nom u in rappresentanza ta' L-Awtorita' tax-Xandir.[38]

<u>Joseph Camilleri</u> l-attur rikonvenzjonat jagħti stampa ftit diversa minn ta' Grima. Da parti tiegħu ikkonferma li hu ried jixtri l-istazzjon għax kien jonfoq ħafna flus fir-reklami minħabba il-varji negożżji tiegħu.  Qal li ħin minnhom kien ċempillu Grima u ried jiltaqa' miegħu b'mod urgenti għax kienu se jiżġumbrawhom minn sit tal-Furjana biex ineħħu kollox minn hemm.  Skontu l-ftehim kien li fi żmien tlett xhur kellu jneħħi kollox minn hemm u joħodhom x'imkien ieħor. Qal li anke Renald Micallef ma kienx jaf li Grima kellu l-problemi mas-sid tal-kera.

Qabel lil ftehim kien maqsum fit-tnejn.[39] Bil-fethim kien qed jixtri l-kumpanija bid-dejn li l-isess kellha mal-bank.  Qal ukoll li fil-ftehim Grima intrabet li japplika biex tiġi trasferita il-liċenżja ta' l-istazzjon.  Mera fejn Grima qal li kien tah stazzjon *fully functional*, anżi xehed li nofs l-*equipment* ma kienx jaħdem u semma  computers, amplifiers, headphones fost oħrajn.  Żid  li Grima kien qallu li kienet ħaga faċċli lil liċenzja tinqaleb fuqu. Wara l-ftehim tat-trasferiment  anke ħadlu l-formoli tat-transfer tal-liċenżja u hu ffirmahom. Qal li wara sar jaf lil liċenżja ma tistax tiġi trasferita għax kienet xi ħaga personali, Grima kien xorta qallu biex ma jagħtix kaz dan u li seta' jirranga.

Qal li hu fil-fatt kien beda il-proċess biex il-loans/garanżiji  tal-kumpanija Grima Communications jinqalbu fuqu pero l-bank ried li l-ewwel  tinqaleb fuqu l-liċenżja u ssir is-share transfer  tal-kumpanija**.**

---

[37] Folio 252 et. seq.
[38] Ibid.
[39] Folio 95: Rikors Ġuramentat 970/2000

Qal li l-agenti li kienu jagħtuh ix-xogħol tar-reklami bdew jhedduh għax fuq ir-radjo kienet tistema' ħafna politika. Dwar dan jixhed li kellu diversi argumenti ma Joe Grima li skontu ma ridtx iċedi f'dan għax anke hu kellu programm politiku trasmess fuq l-istess stazzjon, għalhekk nonostante li hu kien xtara l-istazzjon Grima kien jaġixxi qiesu dan baqa' tiegħu. Da parti ta' Camilleri hu ried stazzjon bbażat fuq l-musika jappella aktar għal generazzjoni giovanili minħabba n-natura ta' negożji minnu ġestiti, bars, nightclubs etċ.

Qal li ma setgħax jopera l-*accounts* minħabba li kienx sar is-*share transfer* u lanqas ma kellu l-liċenzji fuqu.

Minħabba dawn id-diffikultajiet kien avża lil Grima li ma setax jixtri l-istazzjon u hemm bdew il-problemi bejniethom.

Mar anke il-Broadcasting Authority u hemm għamluhielu ċara li din, il-liċenzja, kienet personali u ma kienux jeżistu transfers. Pero aktar tard f'xhieda oħra jgħid ukoll li ma kienx jaf għala dan it-transfer ta' liċenżji ma seħħx.[40] Qal kien hawn li kien avża lil Joe lin-negozzju ma setax jitkomppla. Qabel li biex ikun jista jopera Grima kien fettaħlu it-tieni kont, l-imsejjaħ Account No.2

Meta iffaċċa lil Grima minħabba nuqqas ta' liċenżji u li allura n-negożżju ma setax jitkomppla, dana wieġbu li la kien hemm ftehim kien obbligat jonorah.

Ammetta li fil-kont ta' Grima Communications kienu jidħlu flejjes ta' negozzju oħra tiegħu biex ilaħħaq ma pagamenti u spejjez li kellu anke minħabba l-istazzjon. Jgħid minn dan il-kont tħallsu pagi, spejjez ta' l-istazzjon, pagamenti lil Joe Grima u l-bank.

Dwar il-ftehim li rregola il-ħall tal-ftehim originali bejniethom Camilleri jixhed illi dan sar bl-għajnuna ta' Dr.Joseph Gilgio. Qal li hu ma riedx jagħmel ħsara lir-radio, allura ċeda l-interessi li kellu fl-istess. Żid u dan in kontro-eżami li hu dejjem qal lil Grima li darba lil liċenżji ma setgħux idduru fuqu li hu ma riedx jieħu l-iztazzjon.[41] Jinsisti li hu tant ried l-istazzjon li kien, nonostante il-parir ta' Grima, xorta mar l-Awtorita' tal-Broadcasting biex iddur fuqu l-liċenżja. Qal li

[40] Folio 610 Rik.Ġur 2116/2000
[41] Folio 611 Rik Ġur 2116/00

hu ma kienx persuna li kellu esperjenza ta' radio għalkemm kien jiġestixxi diversi negozzji. Għalhekk għalih kien ikonsapevoli lil liċenżja ta' l-Awtorita' kienet waħda personali. Xehed ukoll li hu ma kellu ebda problemi ta' likwidita' u wisq anqas li l-istess Awtorita' tagħmel *due diligence* fuqu. Jgħid ukoll li anke ried jieħu self minn bank biex jeħles lil Grima mill-irbit tiegħu ma' l-istess. Baqa' insistenti li hu darba li ma setax jġib il-liċenżji fuqu ried li Grima jerga' jieħu lura l-istazzjon, pero li dan ma riedx, li ried biss il-flus u mhux ir-responsabilta'.

Dwar tbgħabis ta' flus ta' l-istazzjon da parti ta' Bountempo, impjegat tieg]u, meta hu kien il-ħabs jirrispondi lli hu ma kien jaf b'xejn b'dan.

Dwar nuqqas ta' rendikont tat-tmexxija ta' l-istazzjon meta dan reġa mar lura għand Grima, jirrispondi li dan ma setax jagħmlu għax Grima kien ħadlu l-kotba kollha.

Dwar il-kambjali li kellu f'idu Grima jgħid li dawn kienu f'ammonti kbar u li leħaq ħallas ammonti kbar minnhom.[42] Insista li ma kellu jħallas xejn aktar lil Grima għal konsulenza tiegħu darba li ġie xolt l-ewwel ftehim.

Dwar it-tifi tar-radio innega li dan kien responsabbli għalih hu.

Senjatament dwar varji cheques li ġew murija lilu li juru ħlasijiet mill-kont tas-soċjeta' konvenuta rikonvenzjonanti għalkemm hu kien aċċettanti ta' dan[43] żid li hu tefa' eluf kbar ta' flus fil-kont imsemmi u li kien se jġib dokumenti li kien juru il-kont bankarju tas-soċjeta' biex juri l-eluf ta' flus li tefa' f'dan il-kont provenjenti minn negożji oħra tiegħu. Qal lin-negozju tiegħu kien kollu miġbur u li kellu kontroll assolut fuqu. Ammetta li kien jagħmel użu minn kont wieħed ta' Grima Communications Limited u dan għal esigenzi tan-negożji oħra tiegħu. Xehed li tant anke flejjes tal-kera li kien jirċievi mingħand ulied Joe Grima għal fond Al Kafe' ukoll dawk għal kiri tal-lukanda Tropicana għal ammont ta' Lm 11,000 kien jitfa' f'dan il-kont. Insista li biex ikun hemm determinat x'kien jaf lil Grima u lil kumpanija bil-fors ried isir eżerċizzju biex jiġi stabbilit kemm poġġa flejjes hu fil-kont ikkontestat. Dan pero ma setax jagħmlu għaliex skontu meta Grima ħa lura l-kontroll ta' l-istazzjon kien ħa l-kotba kollha. Jgħid li hu

---

[42] Folio 615; rik. Ġur. 2116/00
[43] Folio 616 , 689 rik ġur 2116/00

kien lest jaghti is-somma ta' Lm30,000 in sodisfazzjon tal-claim ta' Grima mentri l-kontro-parti kienet qed tinsisti għal ammont ta' Lm52,000.

Qal li hu nkorra telf ta' Lm120,000 minħabba n-negozju ma Grima ukoll b'referenza għal ġar ta' l-istazzjon għal ġo Bisazza Street.

Dwar il-kont tiegħu iddeskrivih bħala *"..bħala kaxxa flus deħlin f'kont imbagħad toħrog minnhom biex tħallas l-ispejjez"*[44].Aċċetta ukoll li hu ta' cheques lil Grima li ma ġewx onorati, pero attribwixxa dan għal fatt li Grima kien jiġbed dak dovut lilu u ma kienx jagħtih ċans jiddeposita flus fil-kont. Aċċetta ukoll li pagi ta' impjegati tiegħu li ma kellhomx x'jaqsmu ma' Grima Communications kienu jitħallsu mill-kont ta' l-istess soċjeta' nonostante li ma kellhomx x'jaqsmu magħha.[45] Fuq mistoqsija tal-Qorti kif kien jiddistingwi appartenenza tal-flejjes wieġeb li hu kien iżomm registru li pero insteraqlu minn Grima minn Regency house meta hu kien il-ħabs. Dwar cheques li Bountempo impjegat tiegħu, li f'dak iż-żmien tal-ħabs dana sarraf ma ħaddieħor meta dawn kienu ċekkijiet tal-kumpanija, hawn b'referenza għal tlett cheques[46] igħid li hu ma kien jaf b'xejn. L-istess wieġeb dwar flejjes ta' riklami li tħallsu fi żmienu pero ma nstabux fi ħdan l-assi tal-kumpanija.[47]

Da parti ta' l-attur ġie esebit ukoll affidavit ta' Joseph Camilleri, ġia presentat f'atti ta' f'kawza oħra[48]. Dan kien fil-konfront ta' negozju li hu kien għamel biex jakkwista l-fond Palazzo Pescatore biex hu jużah bħala night club li ukoll skontu fih spiċċa ngannat minħabba kwistjoni ta' Liċenżji.[49] Senjatament dan in-negozzju jgħid li daħħal għalih ukoll fis-sena April, 1995, fix-xahar ta' April, għalhekk ukoll fiż-żmien li kien okkupat bl-istazzjon *de quo agitur*. Senjatament xehed li kienu n-negożji oħra li kellu li kienu qegħdin jiffinanżjaw dan il-progett tan-night club. Aktar tard fl-istess affidavit jgħid ukoll *" Jien ma stajtx nibqa' ma niftaħx il-club għaliex jiena kont qiegħed noħrog flus biss mingħajr ma ndaħħal profit u kont qed inkisser il-cash flow tan-negozji oħra li kelli."*[50]. Aktar tard anke igħid li *"Dawn l-ammonti kienu ġew literalment misruqa min negozji*

[44] Folio 675 2116/00
[45] Folio 675 rik ġur. 2325/00
[46] Folio 681 Dok AA3 rik ġur ibid.
[47] Dok693-692 rik. Ġur 2116/00
[48] Folio 105 et seq. Rik.Ġur. nru 970/00
[49] Folio 687 Ibid. Dok ST1
[50] Folio 688 ibid.

*l-oħra tiegħi bl-intendiment illi bejn bil-qliegħ generat mill-operazzjoni ta' l-club u b'finanzjarjament mill-bank ..."*[51]

F'xhieda ulterjuri jerġa jirritjeni li darba li ħareg mill-ħabs u beda jħallas l-obbligazzjonijet assunti minnu u għal dak li kien għad baqgħalu offra s-somma ta' Lm30,000. Din is-somma ma ġietx aċċetttata mill-kontro parti li riedu somma akbar kif ġia imsemmi.[52]

Ikkonsidrat ulterjorment.

Kif suriferut għal għat-talba rikonvenzjonali ta' Grima et ta' likwidazzjoni ta' danni Camilleri et eċċeppew il-preskrizzjoni kwinkwenali ukoll dik marbuta ma reat kriminali.

In materja ta' preskrizzjoni l-artikoli invokati huma **l-artikolu 2154 u 2156 tal-Kap 16**.

**L-artikolu 2154 tal-Att** jipprovdi hekk -

*"(1) Dwar il-preskrizzjoni tal-azzjoni ċivili għall-ħlas tal-ħsarat ikkaġunati b'reat, għandhom jitħarsu r-regoli li hemm fil-Kodiċi Kriminali, għall-preskrizzjoni tal-azzjoni kriminali.*

*(2) Iżda, kull min jisraq ħaġa, jew isir pussessur tagħha bil-mezz ta' reat ta' frodi, jew xjentement jirċievi jew jixtri dik il-ħaġa, meta jaf li kienet misruqa jew akkwistata bi frodi, ma jista' jippreskriviha qatt, igħaddi kemm igħaddi żmien."*

**L-artikolu 2156 (f) tal-Kap 16** imbagħad jgħid hekk -

*"2156. L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' ħames snin:*

......

[51] Folio 689 ibid.
[52] Folio 698 ibid.

*"(f) l-azzjonijiet għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġ oħra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-liġi jew liġijiet oħra, taħt preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku;"*

Jingħad fl-ewwel lok li jinkombi fuq il-parti li tissolleva l-eċċezzjoni li ġġib il-provi sabiex tissostanzjaha, u għalkemm il-parti attriċi għandha tressaq provi biex tittanta xxejjen dawk tal-parti konvenuta billi tikkontesta t-trapass taż-żmien preskrittiv jew billi ġġib 'il quddiem provi li juru li l-preskrizzjoni kienet sospiża jew interrotta, il-piż tal-prova fir-rigward ta' tali eċċezzjoni jibqa' prinċipalment fuq min jallega l-preskrizzjoni.

Ingħad hekk dwar dan l-artikolu fil-każ **Montebello Enterprises Ltd vs Paolo Soldi et deċiż fil-25 ta' Novembru 2015** -

*"Illi bħal kull eċċezzjoni oħra l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni għandha tingħata interpretazzjoni restrittiva. Illi huwa principju stabbilit fil-ġurisprudenza nostrana illi l-preskrizzjoni taħt l-**Artikolu 2156 (f) tal-Kap. 16** hija soġġetta għal interpretazzjoni eiusdem generis.*

*Għaldaqstant, il-kelma "kreditu" minħabba fir-restrizzjoni tar-regola ta' interpretazzjoni ta' eiusdem generis, tiġbor fiha biss jeddijiet li huma ta' l-istess natura bħal jeddijiet l-oħra imsemmija fl-**Artikolu 2156.** F'dan il-kuntest, ta' min igħid li l-ebda wieħed mill-krediti imsemmija fl-**Artikolu 2156** ma huwa kreditu ta' obbligazione di fare, imma huma kollha obbligazzjonijiet għall-ħlas ta' flus. Dan iġib miegħu l-effett li l-obligazzjoni li kontra tagħha titressaq eċċezzjoni bħal din trid tkun waħda għall-ħlas ta' flus.*

*Illi f'dan ir-rigward il-Qorti rat sentenza tal-Prim'Awla tal Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet '**Giovanni Mifsud vs Giuseppe Pullicino'** deċiża fid-19 ta' Ottubru 1954, fejn ingħad illi:*

*"Jidher illi l-krediti imsemmija fid-dispożizzjoni tal-liġi 'l fuq indikata jirrigwardaw bħala regola dawk li jkollhom bħala oġġett flus; jiġifieri*

*dawk tal-prestazzjonijiet aċċessorji, jirrigwardaw dejjem oġġett li jkun flus, u dawk tal-prestazzjonijiet prinċipali jirrigwardaw oġġett li jkun jew flus jew ħaġa funġibbli bħal ma huma l-flus. Kull kreditu ieħor, hemm imsemmi ma għandux jiftiehem illi jista' jkun kwalunkwe kreditu jkun li jkun, imma dak biss li mhux imsemmi espressament fl-istess dispozizzjoni u li jkollu l-istess natura bħal flus."*

*Illi dan ifisser li din il-preskrizzjoni tapplika għal żewġ ordni ta' krediti, jiġifieri l-prestazzjonijiet aċċessorji jkunu liema jkunu, u wħud mill-prestazzjonijiet ewlenin jew prinċipali. Tal-ewwel jirrigwardaw dejjem oġġett li jkun flus, filwaqt li tat-tieni jirrigwardaw flus jew ħaga funġibbli bħalma huma l-flus."*

Fil-kawża **Luciano Martinelli nomine vs Saviour Pisani deċiża fit-22 ta' Ġunju 2005** il-Qorti qalet li:

*"skond orjentament ieħor "min jagħti l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni jeħtieġlu jipprova l-perkors taż-żmien statutorju skond liema terminu preskrittiv ikun applikabbli. Ikun imbagħad jispetta lill-attur-kreditur li jiddefendi lilu nnifsu billi jagħżel it-triq u l-mezzi li tagħtih il-liġi biex jinnewtralizza tali eċċezzjoni" – "Josianne Sciberras - vs- Giovanni Vella et", Appell, 21 ta' Frar 1996; "Jeremy Holland -vs- Joseph Chetcuti", Appell, 25 ta' Frar 2000;*

*Fil-fehma ta' din il-Qorti jidher li dan l-aħħar insenjament jagħmel aktar sens ġuridiku.*

*L-Artikolu 2107 (2), Kodiċi Ċivili jipprovdi li "l-preskrizzjoni hija wkoll mezz sabiex wieħed jeħles minn azzjoni meta l-kreditur ma jkunx eżerċita l-jedd tiegħu għal żmien li tgħid il-ligi";*

*Innegabilment, l-aċċertament tad-dekorrenza taż-żmien tikkostitwixxi indaġini ta' fatt u dan jimporta illi inizjalment jinkombi fuq il-konvenut li jissolleva l-preskrizzjoni, li għandu, bħala fatt, jissodisfa, bi prova essenzjali, li t-terminu statutorju preskrittiv kien għadda. Wieħed ma jridx jinsa li l-element kostituttiv ta' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni hi l-manifestazzjoni, f' sens inekwivoku, tal-volonta` tal-parti li ġġib 'il quddiem l-estinzjoni bid-dekors taż-żmien tal-kreditu azzjonat fil-konfront tiegħu. U allura loġikament hu mistenni li l-konvenut*

*jiddeduci, in sostenn tad-difiża tiegħu, prova tad-data tad-dekorrenza għall-iskop tal-komputa tal-perijodu preskrizzjonali".*

Dwar il-mument li fih l-azzjoni odjerna setgħet tiskatta il-Qorti qalet hekk fil-każ **Penza Tarmac Ltd vs Zoqdi Hydro Rocks Construction Ltd deċiż fit-28 t'April 2016**[53] **-**

*L-Artikolu 2137 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi hekk:*

*"Bla ħsara ta' dispożizzjonijiet oħra tal-liġi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak inhar li din l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata; mingħajr ma jittieħed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss, u dan b'applikazzjoni tal-prinċipju li ż-żmien preskrittiv jgħaddi biss minn dakinhar li jkun tnissel id-dritt jew setgħet tinbeda l-azzjoni. Dan il-prinċipju huwa mibni fuq il-massima li "actio non natae non praescribititur"*[54] *(Ara wkoll f'dan is-sens is-sentenza fl-ismijiet* ***Albert Mizzi noe vs Anthony Cauchi et*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-23 ta' Settembru 2009.)*

*Illi inoltre l-inerzja ma timpedix d-dekors tal-perjodu preskrittiv ai fini tad-determinazzjoni tal-preskrizzjoni purche` din l-inerzja mhix dovuta ghall-impossibilita` li jaġixxi. Il-kliem testwali tal-artikolu fuq citat fis-sens li t-terminu estentiv jibda jiddekorri "minn dakinhar li l-azzjoni tista' titmexxa" jirreferu għall-kawżi ġuridici li jistgħu ikunu ta' xkiel għall-azzjoni u mhux għal kawżi purament fattwali, per eżempju, għal xi diffikolta` fattwali li seta' jirriskontra t-titular tad-dritt soġġettiv diment li dawn ma jqegħduhx fl-impossibilita` li jaġixxi."*

Il-Qorti dejjem u f'kull każ ghandha l-obbligu li tistħarreġ id-data minn meta l-preskrizzjoni tibda tiddekorri. Meta mill-provi li jitressqu m'hijiex f'posizzjoni li tasal għal xi konklużjoni, għandha tiċħad l-eċċezzjoni (ara sentenza tal-Prim'Awla fl-ismijiet **John Bugeja vs Joseph Gauci, 28 ta' Novembru 2002**).

Elenkati l-prinċipji ġurisprudenzjali in materja, l-Qorti tqis li jispetta lill-atturi rikonvenzjonati li jiddeduċu l-prova tad-data tad-dekorrenza għall-iskop tal-

---

[53] Rik Gur 1051/2007

[54] **John Grech vs Ivan Mifsud et** P.A. deciza fl-1 ta' April 2003

komputa tal-perijodu preskrizzjonali**.** Frankament din il-prova ma saritx. Anzi tul ix-xhieda tiegħu Joe Camilleri qatt ma nnega li hu kien jaf xi somma ta' flus lil Grima et. Tant li drabi jsemmi s-somma ta' tlettin elf lira maltin biex joqtol l-obbligazzjonijiet residwali tiegħu li fadal a differenza minn somma akbar li kienu qed jippretendu Grima et. Oltre dan jekk biss id-danni huma konnessi esklussivament ma dawk l-obbligazzjonijiet li ntrabat jagħmel tajjeb għalihom Joe Camilleri fl-iskrittura tat 2 ta' April, 1996[55] kif jikkontendi, hu jgħid li kien esegwixxa parti minnhom pero ma kienx f'posizzjoni jgħid fix kien baqa' inadempjenti: għalhekk anke hawn b'referenza għall-istess obligazzjonijiet barra li naqqas iressaq xi forma ta' prova n sostenn ta' l-eċċezzjoni in eżami jirrikonoxxi li kien hemm danni oħrajn li pero ma kienx jaf ezatt x'kienu. Ukoll kuntrarjament għat-teżi ta' Camilleri[56] meta wieħed jara l-lista li tikkonstitwixxi l-obbligazzjonijiet li għalihom intrabat li jagħmel tajjeb mad-danni kif premessi minn Joe Grima fil-kontro-talba tiegħu, <u>apparti għal dawk naxxenti mir-rexixxjoni tal-ftehim qua flejjes dovuti lil Grima personalment,</u> wieħed isib *overlap* fil-konfront per eżempju fejn jirrigwarda equipment nieqes[57]. L-istess jirriżulta fil-konfront ta' *"any company cheques issued under Grima Communications paid out for goods or services not given to the company".* Dana kollu jiriżulta fuq l-iskorta tad-dokumenti li l-istess Joe Camilleri qed jistrieħ fuqhom biex jressaq t-talba tiegħu fir-rigward tar-ritorn tal-kambjali. Huma għalhekk l-istess talbiet tiegħu li jżommu ażżjonabbli t-talbiet rikonvenzjonali għajr għad-danni hekk imsejjħa personali għal Joe Grima, dawk il-pagamenti mensili għal konsulenza tiegħu u t-tranfers ta' shares li ma dehru u ma kkonfiguraw qatt fil-ftehim tal-ħall, Dok JC3

Hija l-fehma tal-Qorti li bl-imġieba tiegħu l-attur rikonvenzjonat jirrikonoxxi li hemm xi forma ta' danni, anke jekk il-*quantum* tal ammont jibqa' dibatibbli, danni/obbligi kif isejjeħilhom hu residwali, dovuti lil konvenuti rinkonvenzjonanti. Apparti li fix-xhieda tiegħu jibqa jagħraf li hu kien lest jagħti somma ta' flus lil Grima et. biex ikkopri l-pendenzi ta' bejniethom, iżid ukoll, u dan in sostenn ta' parti mit-talba tal-konvenuti rikonvenzjonanti, li hu kien anke fil-konfront tan-negozzji varji tiegħu li kien imexxi fit-totalita' tagħhom mill-fond ta' Bizazza Street qiegħed juża il-kont tas-soċjeta' Grima Communications Ltd.[58]

---

[55] Esebita mar-rikors ġuramanetat 2325/00 folio 12 et seq.
[56] Ara nota ta' sottomissjonijiet tiegħu.
[57] Folio 14, Dok JC3 2116/00
[58] Ara xhieda a folio 674 24/04/ 2013 kawza 2116/200/1

Illi b'tali aċċertamenti l-Qorti tqies illi l-attur rikonvenzjonat bil-mod kif esprima ruħu magħdud ukoll in-nuqqas ta' provi da parti tiegħu fil-konfront ta' din id-difiża rrinunzja għal eċċezzjoni minnu mressqa. Tqies li hemm rikonoxximent ċar ta' debitu in parte dovut (**Kollez . Vol. XLIII P11 p744 u Vol. XXXVIII p111 p723**) ukoll li l-istess Camilleri esprima ruħu fis-sens li m'għandux jagħti kemm mitlub jew ivvanta kompensazzjoni in parte (**ara Raymond Vella vs Moby Rentals ltd; Appell, Sede Inferjuri, 22 ta' Novembru, 2001**).

Konsegwentement qegħda tiċħad l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoii ta' l-attur rikonvenzjonat Joseph Camilleri et.

**It-Talbiet Attriċi u Dawk Rikonvenzjonali.**

Fl-ewwel lok il-Qorti tagħmel konsiderazzjoni li tmiss il-validita' tal-kambjali n kwistjoni, hu x'inhu r-raguni għala dawn baqgħu f'idejn Joe Grima a skorta tal-ftehim originali jew bħala garanżija għal ħlas ta' l-obbligazzjonijiet residwali tiegħu issa naxxenti wara l-ħall tal-ftehim originali, in-natura tal-kambjala tibqa' l-istess kif sew sostnew Grima et. fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom. L-eżerċizzju mitlub minn Camilleri et. hu wieħed silettiv biex il-Qorti tara x'kambjali għad iridu jiġu onorati biex jitħallas ir-residwal skont Camilleri et. dovut.

A priori u b'ħafna emfasi l-Qorti tara li hemm ċerta kontradizzjoni da parti ta' l-atturi et.rikonvenzjonati meta tħares lejn l-eċċezzjonijiet minnu mogħtija fiż-żewġ kawzi l-oħra relatati fejn eċċepixxa n-nulita' tal-kambjali *de quo* u mbagħad f'din l-azzjoni mressqa jvanta l-validita' tagħhom biex jezoneraw ruħhom minn obbligazzjonijiet residwali. Oltre dan tenut kont ta' l-import ta' kambjala bħala strument ta' kreditu isib ukoll inkomprensibbli kif jekk parti mill-kambjali *de quo* ġew onorati, kif l-istess baqgħu fi ħdan il-kreditur Grima et. Dawn huma kummenti dovuti n vista ta' l-eċċezzjonijiet mressqa mill- konvenuti rikonvenzjonanti għat talba ta' Joseph Grima et. u anke għaliex Joe Camilleri juri inċertezza x'ġie ritornat lilu fil-konfront.

Il-Qorti a priori tagħraf lil provi mressqa minn Joe Camilleri kienu ferm skarsi n sostenn ta' dak minnu allegat fit-talba tiegħu lli hu kien ezegwixxa dawk l-obbligi (parti) naxxenti mill-ftehim tal-ħall tan-negozzju bejniethom, u wisq aktar f'dawk li skontu kien għad irid jiġu ezegwiti. Għalkemm jilmenta għal diversi drabi lli minħabba li Grima meta reġa' daħħal fl-istazzjon ħadlu l-kotba kollha relattati ma' accounts u tmexxija tan-negożji l-oħra tiegħu li kien jiggestixxi mill-fond ġewwa tas-Sliema, xejn ma kien iżommu jassigura *a tempo vergine* u jipproduċi provi oħra ta' pagamenti li għamel kemm fil-konfront ta' kambjali ġia minnu onorati fuq il-bażi ta' l-ewwel ftehim u pagamenti oħra li hu jgħid li għamel a favur is-soċjeta rikonvenzjonanti ukoll ta' depositi minnu affettwati fil-kont tas-soċjeta Grima Communications. Ġia l-Qorti taħseb fil-kambjali li suppost ġew ritornati lilu n sostenn ta' pagamenti effettwati u jekk dan ma seħħx għala ma talabhomx! Naraw ukoll li kontrarjament għal dak li jgħid dwar Bountempo li donnu ma kienx jaf dana x'kien qed jagħmel meta hu Camilleri kien il-ħabs, nsibu li ntrabat fi ftehim hekk imsejjaħ tal-ħall li dan jirritona *company documents* u *hardware* tal-kumpanija presumibilment mingħand Pierre Bountempo[59]. Anke mill-ħabs, konċesso b'ċertu diffikolta, xejn ma kien iżomm lil Camilleri li jassigura l-pussess tal-prova ta' dak ġestit minnu għax fuq kollox il-kumpaniji ġestiti minnu baqgħu dejjem taħt il-kontroll effettiv tiegħu.

Bla tlaqliq il-Qorti tgħid li sabet diffikolta kbira tasal għal l-obligazzjonijiet residwali li talbuha tiddetermina l-atturi rikonvenzjonati. Żgur hemm qbil mill-partijiet li xi ammonti ta' flus a skorta ta' l-ewwel ftehim għadda bejn il-partijiet, skont Camilleri ma kienx għad baqa iżjed minn Lm100,000 dovuti[60], Grima jammetti li rċeva s-somma ta' Lm10,500. Lanqas ta' dan ma hemm prova ċara u jerga jiġi ritenut li għal Qorti mhux ċar ġewx ritornati dawk il-kambjali rispettivi. Fuq ir-residwal jekk tara ir-rendikonti presentati minn Grima, <u>mhux kontradetti minn Camilleri,</u> dawn jammontaw għal Lm53,032.13 magħduda magħhom ukoll is-somma ta' Lm13,261.00 għas-somma globali ta' Lm66,293.13, stante li dan baqa' eżerċizzju attiv. Frankament somma konsiderevoli għal sena u ftit xhur amministrazzjoni. Jerġa jingħad li da parti tiegħu Camilleri għalkemm jilminta kemm qieghed flejjes fil-kont tas-soċjeta' konvenuta rikonvenzjonanti naqqas għal kollox li juri dan. Naqas ukoll, inkella ma ressaqx ebda prova, li jivverifika l-accounts li kienu qed iħejju Grima et. meta

---

[59] Ara dok. JC3 folio 12 par. 3 ta' l-istess ftehim.
[60] Folio 616: 2116/00

reġgħu ħadu lura l-kontroll ta' l-istazzjon f'idejhom. Fatt dan li seta dejjem għamlu.

Hemm qbil ukoll bejn il-partijiet, dan kif jirriżulta mill-premessi ta' din iċ-ċitazzjoni u d-dikjarazzjoni tal-konvenut pro et noe illi Joseph Camilleri kien fis-sena 26 ta' Gunju, 2000, ġie kanoniżżat kreditur tal-attur għal ammont ta' Lm21,250,[61] għaliex Joe Grima kien ipproċeda bil-proċedura ta' giljottina li ġiet milqugħa mill Prim'Awla u kanoniżżat fl-ammont imsemmi. Din is-sentenza ġiet revokata u huwa fuq skorta ta' dawk l-kambjali li tistrieħ it-talba attriċi odjerna.

Hu fatt li l-akbar insistenza Camilleri baqa tul il-proċeduri kollha joffri s-somma ta' Lm30,000 biex joqtol kull obbligazzjoni residwali wara l-ħall tal-ftehim inizjali, tul ż-żmien pero Grima talbu iżjed. <u>Pero Camilleri, a kontrarju ta' Grima, qatt ma ta spjega ta' xiex kien qed joffri din is-somma u liema obbligazzjonijiet kien se joqtol biha.</u>

Anzi tara li nħela ħafna żmien fuq l-applikabbilta' ta' l-ewwel ftehim, fuq kwistjoni ta' transfer ta' liċenzja, fuq id-diffikultajiet ta' l-istess, kif donnu Camilleri ħassu nġannat, li ma setax allura jitrasferixxi l-ġaranżiji għal fuqu minħabba f'hekk. Minn naħa l-oħra Grima insista li hu prova jagħmel dan u li Camillleri baqa' inadempjenti fl-obbligu li jerfa' l-piżijiet ta' Grima Communications.

Iddur kemm iddur pero' xejn ma jnaqqas mill-fatt illi l-ftehim originali ġie xolt. U anke hawn il-Qorti ssib diffikolta n vista ta' parti mill-ewwel talba rikonvenzjonanti ta' Joe Grima et. paragrafu a) u b) ta' l-istess. Il-Qorti ma tistax tasal timputa tort uniku lil ebda parti għal falliment ta' l-ewwel ftehim. Jekk Grima kif igħid hu u hu rissaput kien tant midħla max-Xandir, anke skontu għen fil-legislazzjoni relatata, allura suppost kellu konoxxenza tad-difikultajiet li setgħu kien hemm wara dan il-prospettat transfer tal-liċenzja, inutli jwaħħal wara fuq l-allegata reputazzjoni ħazina ta' Joe Camilleri għax dan bħala bniedem notorju fix-xena tad-divertiment, kien ġia jaf bih meta kkontratta miegħu. Anke fejn tidħol kwistjoni ta' bdil ta' fond, Grima jagħti stampa li l-istazzjon iċċaqlaq donnu għalxejn meta imbagħad jirizulta li hu kien ġewwa l-Furjana bla titolu u kellu kera mhux imħallsa, li da parti tiegħu Camilleri jgħid li ħallas hu. Fil-fatt għalkemm Grima jagħti l-impressjoni li donnu l-istazzjon iċċaqlaq mingħajr

61 Ċitaż Nru 970/GCD

konoxxenza tiegħu meta wieħed jara d-dokumenti esebiti a folios 529 sa 533[62] jinduna li kien hemm kera mhux imħallsa tal-fond fil-Furjana u li Grima kien ben konsapevoli li l-istazzjon kien se jibda jitrasmetti minn tas-Sliema għalkemm igħid fl-istess ittra li kien hemm bżonn esperti li jaqagħlu l-*equipmen*t konċernat.

Tali nkonsistenzi jwasslu l-Qorti għal impossibilta' li timputa xi responsabilta' lejn Camilleri talli falla l-arrangament ta' bejniethom. Fil-fatt Camilleri mingħajr il-liċenzji kien se jitpogga f'sitwazzjoni fejn fin *in fondo* l-kontroll fuq l-istazzjon baqa' vestit f'ħaddieħor bil-konsegwenzi kolla li jġib dana miegħu u hu jitgħabba bil-piżijiet/passiv tal-kumpanija. Dan jiriżulta ċar minn dak li ġara meta hu keċċa li Dr. Bezzina għax hu ma riedx stazzjon politiku, stazzjon li fuq kollox kien qed jigestixxi hu. Dan jgħid li żammu milli jonora l-obbligazzjoni tal-ġaranżiji bankarji li kellu jassumi. Frankament pero anke hawn tara u ma tistax tifhem kif negozjant ta' kalibru li suppost kien Camilleri ma għamilx il-*homework* tiegħu sew qabel ma daħħal għal dan il-ftehim. Oltre hekk ħarsa lejn l-ewwel ftehim, agreement JC1 u s-side letter JC2, jidher ċar li wieħed kien dipendenti fuq l-ieħor. It-tranfers ta' l-ishma kellu jsir sugget ukoll għal kundizzjonijiet ta' l-ewwel ftehim[63], għalkemm Camilleri seta' almenu jtella' l-bank biex jiprova d-diffikoltajiet li hu sab ma l-istess mingħajr it-transfer ta' liċenżji fuqu, ladarba hu qatt ma asssuma d-debitu u ġaranżiji kif stipulat, ma tarax il-Qorti li hi tista b'konvinċiment morali tasal biex tippunta lejh għal falliment ta' dan il-ftehim. Tqies li fil-fatt kull parti kkontribwit sew għal dan u ma ssib ebda ingann imputabbli lil ħadd.

Fil-kuntest ta' ftehim kien jispetta liż-żewg partijiet li jaraw li dak stipulat bejniethom jitħadden bil-*bona fede* kolla dovuta. [64] Tqies li kull parti kellha piż x'iġġorr għal dan il-falliment u li ma tistax tasal timputa dan unikament fuq Joseph Camilleri biex tasal issibu responsabbli għal falliment ta' l-ewwel ftehim.

Ferm il-premess u magħduda dawn il-konsiderazzjonijiet tqies li kif irriżulta mill-provi li ressaq Grima hu qed jippretendi l-ħlas ta' Lm52,991.00 u dik ta' Lm13.261.00[65] għal ammont globali ta' Lm66,293.13. Saret *counter offer* ta' Lm30,000. Ovvja ma ġietx aċettata. Mix-xhieda mressqa da parti ta' Grima et.

---

[62] 2116/00

[63] Ara l-eewel par. Dok JC2

[64] Ara **Bank of Valletta vs Dottor R.Zammit et**. Ċitaz.nru. 367/00 datata 20 ta' Marzu, 2002; **Edrichton Estates Limited vs Emmanuel Vella et**. 1201/98/RCP deċiża 26/04/01

[65] Ma teskludix overlap anke hawn fir-rigward tad-dovut.

senjatament dawk imressqa minn Renald Micallef, cheques esbiti, accounts tal kumpanija li anke juri telf fl-attiv tagħha tul il-gestjoni ta' l-atturi et., [66] tikkonsidra li ċertament baqa ammont sostanzjali dovut lil Grima et. fuq skorta tal-ftehim tax-xoljiment tan-negozzju bejniethom. Matematikament għalhekk is-somma ta' Lm21,250.00 kif rappresentata fil-kambjali presentati mat-talba ta' Joseph Camilleri et huma kollha dovuti. Dan pero iħalli deskrepanza kbira bejn is-somma globali msemmija minn Grima, dik rappresentanti l-kambjali annessi ma din il-kawza u flejjes li l-istess Camilleri qiegħed fil-kont tas-soċjeta. Biss biss issemmi Lm11, 000 ta' kera tal-lukanda Tropicana u dik tal-kiri ta' Għal Kafe', fatti mhux kontradetti minn Grima et. Tqies ukoll illi Grima rċeva somma ta' flus għal-trasferiment li attwalment qatt ma seħħ, qaqta' sommom li rċeva għal konsulenza tieghu. In vista ta' dana kollu l-Qorti hi tal-fehma li għandha tasal għal likwidazzjoni b'mod ekwittativ *ex aequo et bono*[67] u tillikwida l-ammont residwali dovut fl-ammont ta' Lm38,000 ekwivalenti għal €88,516.33[68] lil Qorti invista tal-valur tal-kambjali qegħda tirrotonda għal ammont ta' €88.500.

**Konsegwentement qegħda tiddisponi mit-talbiet u l-eċċeżżjonijiet kif ġej:**

**Tilqa l-ewwel talba attriċi kif ingħad;**

**Tilqa t-tieni talba attriċi limitatament kif se jingħad tillikwida l-obbligi residwali naxxenti mill-ftehim tat-2 ta' April, 1996, u gravanti lill-atturi li għandhom ma ġewx ezegwiti mill-istess atturi fl-ammont ta'_€88.500, u tawtorizza lil konvenuti jew minn minnhom iżommu fil-pussess tagħhom bħala garanzija kontra l-eventwali inadempjenza tal-atturi f'tali obbligi, dawk il-kambjali biss ammontanti għal din is-somma indikata.**

**Tiċħad dik il-parti tat-tieni talba fejn ġie mitlub li jiġu ddentifikati l-kambjali relattivi għax mhux ċar għalija liema jekk qattx ġew ritornati lura xi kambjali a saħħa ta' pagamenti effettwati, ħlief għal dawk identifikati mill-istess attur u annessi ma din il-kawza fl-ammont ta' Lm21,250.**

**Tilqa t-tielet talba attriċi b'dan lil konvenuti et. għandhom jirritornaw u jikkonsenjaw lil Joseph Camilleri dawk il-kambjali rimanenti fil-pussess**

---

[66] Dok ST1

[67] **Charles Attard vs Carmela Frendo e**t. Deċiża 31/01/2003 P.A. Ċitaz nru. 523/1983/1: **Margaret Camilleri et. Vs The Cargo Handling Co.Ltd**.deċiża 13/10/2004 ; Ċitaz. Nru. 1560/1995/1

[68] Rata ta' kambju maħduma skont currency converter Euro rate 08/07/2021

**tagħhom <u>oltre dawk ġia ddentifikati u oħrajn li komplessivament iwasslu għas-somma hekk likwidata ta' €88.500, li għandhom jagħmlu tajjeb għal-obbligazzjonijiet residwali appena likwidati.</u>**

**Tilqa r-raba' talba fit-totalita' tagħha n kwantu l-kambjali li għandhom jibqu fil-pussess tal-konvenuti et. <u>għandhom ikunu biss bħala garanżija ta' ħlas ta' l-obbligi residwali likwidati.</u>**

**Illi konsegwenza ta' hekk tiddisponi mill-eċċezzjonijiet ta' Grima et. għat-talba prinċipali billi tiċħad l-ewwel waħda (il-kawzi kollha bi ftehim instemgħu flimkien)**

**Tilqa t-tieni u t-tielet sakemm kompatibbli ma dan appena deċiż.**

**Tiċħad l-kumplament li jibqa.**

**Fil-konfront tat-talbiet rikonvenzjonali tiċħad ukoll it-talbiet (a) u (b) ta' l-ewwel talba fir-rikonvenzjoni ta' Grima et. għar-ragunijet premessi u fil-konfront ta' l-istess kontro talba tilqa l-ewwel talba biss fil-konfront ta' dawk li jidhru fil-paragrafu c) u d) ta' l-istess u dan in linea mat-talbiet attriċi kif deċiżi;**

**Fil-konfront għall-eċċezzjonijiet għal kontro- talba, kif ingħad tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-preskrizzjoni;**

**Tiċħad it-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet.**

**In vista tal-komplessita' ta' dawn il-proċeduri fuq bażi fattwali, it-tul taż-żmien li ttieħed tqies li kull parti għandha tbaghti l-ispejjez tagħha.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reġ.**